CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

It- Tnejn, 22 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.12pm.

**23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

23.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

23.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tnejn u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

23.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**23.3 Komunikazzjoni tas- Sindku**

23.3.1 Is- Sindku qal li is-sottokumitat biex jirrevedi il-liġi sussidjarja għad-dħul tal-karozzi ġewwa l-Mdina ltaqa' nhar l-4 ta' Marzu 2021 fejn ġew diskussi diversi temi fejn wasal għal konkluzjoni li l-ewwel inkellmu lil avukat tal-Kunsill għal parir rigward il-possibilita' li ssir Bye-Law f'dan ir-rigward u tiġi amalgamata mal-avviz legali ezistenti. Is- Sindku saħaq ukoll dwar l-importanza li wasal iz-zmien li jiġu introdotti l-muturi biex ikunu jistgħu jaċċessaw ġewwa l- Mdina. Dan ser jiġi diskuss ukoll ma' l-avukat.

23.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-perit D. Vassallo minn Transport Malta infurma lilu li fix-xhur li ġejjin ser jibdew ix-xogħolijiet fuq il-pavimentar ġewwa l-Mdina wara li ngħata *direct order* lil kuntrattur biex jagħmel dawn ix-xogħolijiet.

23.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li r-rapport mill-inġinier li tqabbad biex jagħmel survey fuq Howard Gardens baqa' ma ġiex sottomess u għaldaqstant ser jingħatalu ultimatum u filkaz jitqabbad xi ħadd iehor. Is- Sindku saħaq li ma nistawx naffordjaw li l-għajnuna finanzjarja li qed tingħata tisfuma fix-xejn minħabba ċertu individwi.

23.3.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li huwa flimkien mas- Sindku tar- Rabat ser jiltaqgħu mal-Ministru Dr. Ian Borg fejn ser jiġi diskuss il-problema tal-parking f'dawn iz-zewġ lokalitajiet.

23.3.5 Is- Sindku fakkar lill-Kunsill dwar il-laqgħa li ser ikollhom mal-Ministru Dr. Miriam Dalli fejn fost it-temi ser jiġu diskussi l-electric charging pillars, intelligent lighting ġewwa l-Mdina u tibdil ta' l-uplighters LED ġewwa l-Mdina.

22.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ser ikollu fil-ġimgħat li ġejjin laqgħa mal-Lands dwar il-possibilita li jinstab post alternattiv flok l-art li għandu l-Kunsill fejn l-Istazzjon.

**23.4 Proposta għal uzu ta' Torre Dello Standardo minn Fondazzjoni Wirt Artna**

23.4.1 Is- Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra proposta mibgħuta minn Wirt Artna biex l-post ta' Torre Dello Standardo li bħalissa huwa battal, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jiġi utilizzat għal skopijiet kulturali.

23.4.2 Ġie deċiz li filwaqt li Wirt Artna jistgħu ikunu l-partner ideali għal dan il-proġett minħabba l-professjonalita' tagħhom ikun xieraq li l-ewwel ikollna laqgħa ma' l-avukat biex niddiskutu din il-proposta.

23.4.3 Is- Sindku fakkar lill-Kunsill li wieħed irid joqgħod attent x'postijiet devoluti lill-Kunsill għandhom jingħataw lil terzi minħabba s-sitwazzjoni li jinsab fiħ l-uffiċċju tal-Kunsill fejn wara dawn is-snin kollha għad ma għandniex titlu tiegħu u jista' jkun li 'l quddiem, il-Kunsill ikollu bzonn isib post alternattiv għal uffiċċju

**23.5 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

23.5.1 Email mingħand il- Ministeru għal Enerġija, Intrapriza u Zvilupp Sostenibbli fejn sejra issir laqgħa mal- Ministru Dr. Miriam Dalli nhar is- 27 ta' April 2021

23.5.2 Regjun Tramuntana- Region CCTV Assistance. Il-Kunsill ser jidħol għal dan il-proġett b'fondi mir- reġjun biex jiġu nstallati tlett CCTV cameras fl-Mdina.

23.5.3 Reġjun Tramuntana- Contracts Manager Tender- Talba dwar jekk il-Kunsill jixtieqx jipparteċipa fil- ħruġ ta' tender mir-reġjun għal contracts manager għal lokalitajiet li jiffurmaw parti minn dan ir- regjun. Il-Kunsill ddeċieda li jkompli għaddej bil-contracts manager attwali li għandu.

23.5.4 Lands authority- Email rigward it- talba għal sit alternattiv flok l-art fejn l-istazzjon.

23.5.5 Fondi LESA- Proġetti fil- Komunitajiet. Il-Kunsill ser jara' x'possibilitajiet jistgħu jezistu biex wieħed ikun jista'japplika għal dawn il-fondi.

23.5.6 MTA- Ftehim għal kiri ta' l-uffiċċju tat- turizmu, Torre dello Standardo- L-MTA elenkat x'oġġetti u servizzi jixtiequ jbiegħu mill-post. Il-Kunsill ser jibgħat il-kontroproposti.

23.5.7 Ittra mill-Belt Spanjola ta' Cancello de Ribadavia għal parteċipazzjoni flimkien ma pajjizi oħra għal Festival Medjevali.

**23.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

23.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas- 17 ta' Marzu 2021, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 19,558.18

23.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ser tiġi iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**23.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-16.25pm u ġiet aġġornata għal 19 ta' April 2021 fit-3pm

IFFIRMATA

____________________

Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA

____________________

Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 19-04-2021________